# Tifkira F'Għeluq Il-Ħamsa u Għoxrin Sena mill-Festi tad-Dsatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl (67-1967 - 1992).

*Minn Mark Fenech Vella u Joseph Zammit.*

*Għal min kien preżenti għal festi ċentinarji ta' 25 sena ilu, wieħed jista' jġedded il-memorji. Għal min forsi nesa' xi ftit jew għadu iżgħar fl-eta' dan l-artiklu ser jagħti ideja tal-festi Ċentinarji kbar li saru. Festi li mhux biss jagħmlu ġieħ lilna r-Rabtin Pawlini imma lil Malta kollha.*

### IT-TĦEJJIJIET

Minn snin qabel ir-Rabtin bdew jippreparaw bis-sħiħ għal dan iċ-ċentinarju fosthom billi saru sett pavaljuni ġodda għal Triq Konti Ruġġieru w ġie restawrat l-Ark wara



*Il-Konferenza Stampa dwar il-Festi tad-Dsatax-il Ċentinarju tal-Martirju tal-Appostli San Pietru u San Pawl.*

li kien ilu ma jintrama mill-1961. Bla dubju ta' xejn kellu bżonn jitwaqqaf il-kumitat speċjali li kellu jorganizza dawn il-festi fuq skala nazzjonali. Minn ħafna xhur qabel dan il-Kumitat beda jipprepara l-attivitajiet. Infatti l-ewwel laqgħa ta' l-imsemmi Kumitat Nazzjonali saret nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar 1967 fl-Awla Kapitolari tal-Katidral Metropolitan ta' l-Imdina fil-preżenza ta' l-E.T. Mons. Arċisqof Sir Michael Gonzi. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm rappreżentanti tal-kapitlu tal-Katidral, tal-Kapitlu Kolleġġjali tar-Rabat, ta' l-Għaqdiet Reliġjużi w sekulari tar-Rabat, kif ukoll rappreżentanza min naħa tal-gvern.

Mons. Arċisqof kien fetaħ il-laqgħa b'diskors tal-okkażjoni fejn aċċena għall-festi ċentinarji ta' l-1960 li kienu milqugħa tajjeb ħafna, kemm mill-Maltin u kemm mill-barranin li ġew għall-okkażjoni. Mons. Profs. Coleiro, iċ-Chairman tal-Kumitat Eżekuttiv qara l-abozz tal-programm taċ-Ċentinarju. Wara inħatru uffiċjalment il-membri ta' dan il-Kumitat. Dawn il-membri huma: Mons Profs E. Coleiro O.B.E. D.D. Ph.D.(Lond) J.C.B. BA Chairman Rev. Kanonku Arċipriet Pawl Attard Viċi Chairman Is-Sur Pio Scerri (Rap. Kumitat Festi Esterni) Segretarju Is-Sur C. Borg (Rap. Kumitat Festi Esterni) Kaxxier Rev. Profs Carm Sant D.D. SS.C. BA. Rev. Kanonku C. Cefai (Prokuratur - Corpus Domini) Rev. Kanonku P.P. Micallef (Prokuratur - San Pawl)

### DISKUSSJONIJIET U PROPOSTI PARTIKULARI

Meta wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn il-minuti meħuda waqt is-seduti, jsib diversi proposti li kienu saru mill-membri rigward l-abbozz tal-programm. Ta' nteress partikulari kienet il-proposta ta' l-Arċipriet Dun Pawl Attard rigward ir-Relikwa li tinsab fil-Kolleġġjata tagħna sabiex tinġieb proċessjonalment mill-Katidral Metropolitan sal-Kolleġġjata. Proposta oħra li għamel l-istess Dun Pawl kienet li l-Kardinal Marella jagħmel l-Ewwel Tqarbina lit-tfal Rabtin f'din l-okkażjoni unika.

Dawn iż-żewġ proposti ġew milqugħa mill-Kumitat u mwettqgħa fil-programm tal-Festi. Il-Ġimgħa 14 t'April 1967 saret konferenza stampa fejn fiha ingħataw id-dettalji tal-Programm kollu taċ-ċentinarju.

## TIFKIRIET TAL-OKKAŻJONI

Għall-okkażjoni nħarġu sett bolli li fosthom juru l-qtugh ir-ras ta' San Pawl *(ara "Il-Festi Tagħna" ħarġa nru 5 - 1981).* Ġew stampati diversi santi kif ukoll il-Programm taċ-Ċentinarju. Ta' min isemmi wkoll li saret 'badge' għall-okkażjoni fuq disinn tas-Sur Pio Scerri. Din il-'badge' ġiet ordnata għand id-ditta 'Luċija' tal-Belt u nħadmet Firenze, l-Italja. Ingħatat waħda lil membri kollha kif ukoll ġiet regalata waħda ta' tifkira lill-Kardinal Marella.

Wieħed irid iżid ukoll li żżanżan l-alto riliev li sar mill-iskultur Rabti Anton Agius gaħl taħt l-artal tal-Kappella tal-Każin San Pawl u li turi l-qtugħ ir-Ras ta' San Pawl. Fil-Kolleġġjata ġie mżanżan l-Apparat tal-Brokkat għal-festa ta' San Pawl.




*Il-Badge li saret għall-okkażjoni fuq disinn tas-Sur Piju Scerri.*

## PERSONALITAJIET

Ma jistax jonqos li bħalma personalitajiet distinti ġew għad-19 -il ċentinarju mill-Miġja ta' San Pawl f'Malta fl-1960, hekk ukoll reġgħu ġew biex jiċċelebraw id-19-il ċentenarju tal-Martirju ta' San Pietru w San Pawl. Fost dawn insibu lill-Kardinal Ildebrando Antoniutti u l-Kardinal Paolo Marella.




*Il-First Day Cover maħruġ fit-28 ta' Ġunju 1967 li juri sett bolol, xogħol ta' Emvin Cremona.*

## IL-KARDINAL PAOLO MARELLA

Twieled f'Ruma fil-25 ta' Jannar, 1895. Huwa ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Frar 1918; ġie kkonsagrat Arċisqof Titulari ta' Doclea fl-1933 u nħatar kardinal mill-Papa Giovanni XXIII fl-1959 kif ukoll nominat Arċipriet tal-Bażilika tal-Vatikan fl-istess sena.

Il-Kardinal Paolo Marella serva ukoll ta' delegat Appostoliku fil-Ġappun bejn l-1933 u l-1948, delegat Appostoliku fl-Awstralja bejn l-1948 u l-1953 u bħala Nunzju tal-Papa fi Franza bejn l-1953 u l-1959.

Kemm dam Malta huwa qaddes diversi quddies Pontifikali. Ta' min isemmi li waqt' il-Quddiesa ta' l-Ewwel Tqarbina li huwa qaddes għat-tfal Rabtin fuq iz-zuntier kien ġie ppreżentat lilu d-deheb għat-tabernaklu li kien inġabar minn fost ir-Rabtin.It-tlett itfal li offrew id-deheb flimkien

mal-ġenituri tagħhom kienu Miriam Cefai, Norma Fenech u Christian Scerri.

F'dik l-okkażjoni, bħala tifkira tiegħu fil-festi Ċentinarji huwa kixef irħama komemorattiva taħt l-istatwa ta' San Pawl taż-żurżiegħa.

### IL-KARDINAL ILDEBRANDO ANTONIUTTI

Twieled f'Nimis (Arċidjoċesi ta' Udine, l-Italja) fit-3 ta' Awissu 1898; ġie ordnat saċerdot fil-5 ta' Diċembru 1920, ġie



*Il-Kardinal Ildebrando Antoniutti*

kkonsagrat Arċisqof Titulari ta' Sinnada fl-1936 u nħatar kardinal mill-Papa Giovanni XXIII fl-1962.

Tul il-karriera tiegħu huwa serva bħala Delegat Appostoliku fiċ-Ċina (1922-1930), fl-Albanija (1936) u fil-Kanada (fl-1952) filwaqt li kien Charge' d'Affaires fi Spanja fl-1937 u Nunzju Appostoliku fl-istess pajjiż bejn l-1953 u l-1962.

Għal xi snin kien ukoll Prefett tal-Kongregazzjoni Sagra tar-Reliġjuzi. Huwa wasal Malta nhar l-Erbgħa 28 ta' Ġunju fl-12.15 pm.

### FTUĦ TAL-FESTI

Ingħata bidu għal dawn il-festi Ċentinarji bil-ħruġ ta' l-Istatwa Titulari minn niċċa. Din kienet l-ewwel darba li l-istatwa ġiet maħruġa sal-bieb tal-kolleġġjata wara l-ħruġ minn niċċa. L-Għada, l-festi komplew bit-transalazzjoni tar-Relikwa ta' San Pawl mill-Katidral Metropolitan għall-Kolleġġjata tagħna. Meta l-Purċissjoni waslet fil-Pjazza tas-Saqqajja sar il-fervorin immexxi min Mons. L. Spiteri ex-Arċipriet tar-Rabat. Wara d-diskors tiegħu tkanta il-Kredu w l-purċissjoni kompliet lejn il-Kolleġġjata. F'din il-Purċissjoni ħadu sehem il-W.R. Kapitlu Metropolitan, il-Kapitlu Kolleġġjali tagħna, il-Kulleġġ tal-Kappillani, il-Komunitajiet Reliġjużi tar-Rabat u l-Imdina, l-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-Konfraternita' ta' San Pawl li hi l-unika waħda f'Malta u Għawdex u li din is-sena qed tiċċelebra il-225 sena mit-twaqqif tagħha.

### ĊELEBRAZZJONIJIET NAZZJONALI

Ċelebrazzjonijiet importanti oħrajn fil-Knisja Katidrali saru l-għada t-Tnejn, 26 u t-Tlieta, 27 ta' Ġunju b'quddiesa Djalogata. Tat-Tnejn, 26 ta' Ġunju, kienet għas-sorijiet ta' Malta u ġiet ċelebrata mill-E.T. Mons. E. Galea, Isqof Titulari ta' Tralles u Vigarju Ġenerali w Awżiljarju ta' Malta, filwaqt li tat-Tlieta kienet għall-ġgaqdiet Reliġjużi ta' Malta u ġiet immexxija mill-E.T. Mons. E. Gerada Isqof Titulari ta' Nomentum.

Il-festi fil-knisja Katidrali laħqu l-qofol tagħhom l-Erbgħa 28 u 29 ta' Ġunju fejn apparti l-funzjonijiet li soltu jsiru fl-Imnarja saru żewġ funzjonijiet oħra speċjali. Waħda saret l-Erbgħa 28 ta' Ġunju b'quddiesa bi Tqarbina ġenerali għat-tfal ta' Malta minn Mons. Arċisqof Gonzi fil-Pjazza tal-Katidral. L-Oħra saret l-għada fejn barra s-soltu Vespri Pontifikali ta' lejliet u nhar il-festa sar il-Pontifikal solenni, din id-darba bl-Omelija mill-Emm. Tiegħu il-Kardinal Antoniutti li kif nafu ġie għal dawn il-festi Ċentinarji.

Rigward il-festi esterni insibu li wara t-tiġrijiet tal-Imnarja, sar programm strumentali fuq is-Saqqajja u wara Marċ mill-Banda L'Isle Adam.

### IL-FESTI INTERNI FIL-KOLLEĠĠJATA

Fost iċ-ċelebrazzjonijiet importanti li saru fil-Kolleġġjata insibu, dawk li saru kull fil-għodu w fil-għaxija bejn id-29 ta' Ġunju w l-4 ta' Ġunju.

Fil-għodu kienet tiġi ċċelebrata Quddiesa għat-tfal. Fil-għaxija l-funzjoni prinċipali kienet tiġi mmexxija mill-Komunitajiet tal-Patrijiet tar-Rabat u l-Imdina. Din kienet tibda bl-għasar Prelatizju u wara kienet issir konferenza minn wieħed mill-Patrijiet tal-Komunita' li tkun qed tmexxi l-funzjoni dik il-ġurnata.Il-funzjoni kienet tikkonkludi bl-Antifona "Adoro Te, O Salutario Hostia" u bil-Barka Sagramentali. Wieħed ma jridx ma jsemmix ukoll il-Quddiesa Pontifikali tal-Ħadd 2 ta' Lulju konċelebrata mill-E.T. Mons. E. Gerada. Bħas-soltu fil-għodu u fil-għaxija saret il-purċissjoni b'waqfien fil-knejjes tal-Patrijiet min fejn tkun għaddejja l-Purċissjoni. Ta' xejra nazzjonali kienet l-funzjoni kbira li saret għall-morda fuq iz-zuntier tal-Knisja dik il-lejla stess.

## IL-QOFOL TAL-FESTI

L-Aħħar tlett ijiem tal-Festi kienu verament okkażjonijiet memorabbli li min kien preżenti ma jinsihom qatt. L-Entużjażmu u l-ferħ tar-Rabtin kien kbir.

Nistgħu ngħidu li l-aħħar tlett ijiem tal-festi nterni kienu karraterizzati mill-Pellegrinaġġ tal-lampa votiva u mill-Quddies Pontifikali li saru s-Sibt u l-Ħadd ta' nhar il-Festa. Ta' l-aħħar tmexxiet mill-Kardinal Marella fejn niseġ ukoll il-Paneġierku.

Fil-għaxija bħas-soltu saret il-Purċċissjoni bl-istatwa ta' San Pawl madwar ir-Rabat.

## IL-FESTI ESTERNI

Mingħajr dubju meta nsemmu l-festi esterni wieħed ma jistax ma jsemmix id-diversi programmi vokali w strumentali mill-Banda prinċipali tal-Festi Rabtin Pawlini - il-Banda Konti Ruġġieru.

Xi ħaġa partikolari kienu ż-żewġ marċijiet "alla Venezjana" kif ukoll iż-żewġ kunċerti mill-banda Reġimentali.

Lejliet u nhar il-festa barra wieħed mill-imsemmi marċi brijużi "alla Venezjana" li sar fil-5.00 p.m., saru programmi u marċi mill-baned St. Helen ta' B'Kara, Peace tan-Naxxar, Nicolo Isuard tal-Mosta kif ukoll mill-Filarmonika La Vallette.

F'dik is-sena wkoll grupp ta' dilettanti tan-Nar Rabtin Pawlini ħejjew programm ta' logħob tan-nar. Ritratt ta' dawn id-dilettanti w n-nar li sar għaċ-ċentinarju jinstab f'Il-Festi Tagħna tal-1988.

## BIEX INFAKKRU L-AVVENIMENT

Biex infakkru din l-okkażjoni ċentinarja tal-Martirju kif ukoll biex niċċelebraw il-225 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Pawl ser issir irħama ('badge') fuq disinn ta' l-iskultur Rabti Frans Galea, kif ukoll statwa ġdida li turi il-Martirju ta' San Pawl, xogħol ta' l-istatwarju Għawdxi Pawlu Aquilina, miġbura fuq inizjattiva tas-Sur Ġ.Camilleri, kif ukoll ser issir Akkademja ta' innijiet sagri taħt it-tmexxija tal-Kan. P. P. Micallef fil-Kolleġġjata.

Waqt' li nħarsu b'nostalġija liema bħala lejn dawn il-festi hekk memorabbli, aħna ż-żgħażagħ nkomplu nimtlew b'kuraġġ u entużjażmu bħal missierijietna biex nagħmlu festi dejjem akbar ad unur ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.



*Il-Kardinal Paolo Marella qed ibierk id-deheb għat-Tabernaklu ppreżentat mit-tfal, Miriam Cefai, Norma Fenech u Christian Scerri.*